**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 29 t' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**Vs**

**Christopher Sammut**

**Kump. Nr. 33/2019**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Christopher Sammut** detentur tal- karta tal- identita numru 538772M, gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta Diċembru 2018, ġewwa Hotel Kennedy Nova, fi Triq ix- Xatt, Gżira ikkommetta serq ta' kompjuter (Lap-top) kif ukoll i-pad, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u sar ghad-dannu ta' Soo Cheng Teo u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, ikkommetta serq ta' flus elf ewro (€1000) kif ukoll 425 Lira Sterlina, fi flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w

tletin centezmu (€2329.37), u sar ghad-dannu ta' Linda u Anthony Landsdown u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, ikkommetta serq ta' lap-top (kumpjuter), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u sar ghad-dannu ta' Rachel Rita Sammut Alessi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

4. Nhar it- 3 ta Lulju 2016 għall- ħabta ta 11:45 hrs ġewwa Tip Bet Limited, fi Triq Sir William Reid, Gzira, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ta' serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali w indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat, u kieku fil-fatt seħħ, kien ikun delitt ta' serq ikkwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija w disa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu ta' Tip Bet Limited u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

5. Nhar l-14 ta Diċembru 2018 għall- ħabta ta 19:00hrs ġewwa Bay View Hotel, Triq ix- Xatt, Gżira, ikkommetta serq ta' mitejn Ewro (€200) fi flus kontanti, liema serq sar ghad-dannu ta' Carlo Stivala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

6. Nhar it- 23 ta Novembru 2018, ġewwa Hotel Kennedy Nova, fi Triq ix-Xatt, Gżira ikkommetta serq ta' kartiera kontenenti erbgħin ewro(€40) fi flus kontanti sar ghad-dannu ta' Rita Micallef .

7. Nhar is- 7 ta Diċembru 2018, ġewwa Kulleġġ San Ġorġ Preca, Triq Schembri Ħamrun, ikkommetta serq ta' kartiera kontenenti madwar tletin ewro (€30) fi flus kontanti u oġġetti oħra u sar għad-dannu ta' Gabriella Mifsud.

8. Nhar is-16 ta' Dicembru 2018, gewwa Wasabi, Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq, liema serq hu kkwalifikat bil-valur (tliet mitt Ewro (€300) fi flus kontanti), li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) li sar ghad-dannu ta' Yu Zhao.

9. Nakkuzawh talli wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' Probation, liema sentenza kienet mghotija nhar it-28 ta' Marzu 2017 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D.

10. Finalment, nakkuzawh ukoll, talli rrenda ruhu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar 2019 (ara *folio* 10) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa, u l-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha imsemmija migjuba kontra tieghu, gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ sanzjoni din il- Qorti qeghda tqis is-segwenti fatturi:

1. l-ammissjoni bikrija tal-imputat li, ghalkemm ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena, ser tigi riflessa fil-piena;

2. il-fatt li l-imputat ilu zmien twil taht il-hakma tad-dipendenza fuq id-droga u d-dikjarazzjoni maghmula fil-verbal tal-udjenza tal-lum stess fejn hu ddikjara li ghandu bzonn l-ghajnuna u qed ihares lejn il-possibilta li jaghmel programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga;

3. is-serjeta tar-reati migjuba u ammessi mill-imputat;

4. il-fedina penali ferm ta’ thassib tal-imputat esebita in atti u l-fatt li hu nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati;

5. il-fatt li l-imputat huwa recidiv fit-termini kollha tal-Artikoli 49, 50 u 589 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

6. l-fatt li dak li ghamel l-imputat u li ghalih ingieb f’din il-kawza, huwa ghamlu fil-perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation skond is-sentenza tat-28 ta’ Marzu 2017;

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261, 263(a), 264(1), 265, 267, 275, 278(1)(2), 279(a)(b), 280(2), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat, bhala recidiv, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotta kontra tieghu, u filwaqt li qed titratta mieghu ghal ksur tal-Ordni ta’ Probation moghtija fit-28 ta’ Marzu 2017, qed tikkundannah ghall-piena komplessiva ta’ tlett (3) snin prigunerija.

In oltre, bis-sahha tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-hati ihallas lir-registratur l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz, inkluz dawk mahtura fl-istadju tal-inkjesta relattiva.

Fuq talba maghmula mill-imputat fil-verbal tal-udjenza tal-lum, il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin jaghti lill-hati Christopher Sammut dik l-ghajnuna jew dik l-opportunita mehtiega fil-glieda tal-hati kontra l-abbuz tad-droga.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur